### F'GĦELUQ IL-100 SENA TAL-PARROĊĊA FRANĠISKANA GĦADA S-SIBT

# Tas-Sliema tissiġilla r-rabta tagħha mal-Madonna bl-inkurunazzjoni tal-Madonna tas-Sacro Cuor

**Patri Anton Farrugia OFM**

Ilkoll nafu kemm ta' Tas-Sliema, l-għeruq ta' isimha huma marbuta mad-devozzjoni lejn il-Madonna.

Skont it-tradizzjoni, l-isem ta' Tas-Sliema, tnissel mit-tislima tal-Ave Maria li l-baħħara u s-sajjieda kienu jgħidu lill-Madonna huma u għaddejjin minn quddiem il-kappella li kien hemm mibnija fil-ponta ta' Dragut, illum nafuha bħala Tignè Point.

Sal-1601, din il-kappella kienet iddedikata lit-twelid tal-Madonna. Din il-kappella ġiet mwaqqa' waqt l-imblokk tal-Franċiżi. Fl-1801 inbniet kappella oħra ddedikata lil Madonna tal-Grazzja, li hemm illum quddiem il-Parroċċa ta' Stella Maris. Fl-1855 inbniet knisja akbar ddedikata lil Madonna ta' Stella Maris.

Tajjeb li niftakru li l-art fejn illum hawn ta' Tas-Sliema, il-biċċa l-kbira kienet art tal-Katidral tal-Imdina u meta l-art bdiet tingħata b'ċens għall-bini, in-nies tefgħet għajnejha fuq ta' Tas-Sliema bħala post ta' villeġġjatura għax-xhur tas-sajf.

Fost dawk li bnew villeġġjatura f'ta' Tas-Sliema, insibu lil Dun Pawl Vella, saċerdot mill-Belt Valletta, mgħallem tal-Latin fil-Liceo. Fil-Belt, hu kien jgħallem il-Katekiżmu fil-Knisja ta' San Ġakbu.

## Bżonn ta' knisja oħra

Ta' saċerdot għaqli li kien, Dun Pawl malajr induna, li għal popolazzjoni ta' aktar minn tlett elef ruħ, kien hemm bżonn ta' knisja oħra. Hu kien jaf, li din ma kenitx se tkun daqshekk faċli biex jikkonviċi lill-awtorità tal-Knisja f'Malta.

Wara ħafna talbiet, l-Isqof Carmelo Xikluna, ħareġ id-digriet fis-16 ta' Mejju 1877 biex tkun tista' tibda tinbena l-knisja ġdida f'ta' Tas-Sliema.

Kif ġraw il-fatti, ikollna ngħidu li kienet ir-rieda tal-Madonna li tinbena knisja oħra f'ta' Tas-Sliema. Dun Pawl kien saċerdot mimli b'devozzjoni sinċiera lejn il-Madonna taħt it-titlu tas-Sultana Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù. Din kienet devozzjoni li taf il-bidu tagħha fi Franza mis-saċerdot Ġulju Chevalier madwar is-sena 1854.

Hawn joħroġ l-għaqal ta' Dun Pawl. Hu ħeġġeġ lill-Kumitat, imwaqqaf biex jirsisti għal bini ta' knisja ġdida, biex terġa' ssir talba oħra, din id-darba mfassla fuq żewġ kriterji fundamentali: li l-knisja l-ġdida tkun iddedikata lis-Sultana Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù u li tkun monument tal-poplu Malti f'ġieħ il-Papa Piju IX, f'għeluq il-ħamsin anniversarju mill-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu.


L-istatwa devota tal-Madonna meqjuma fil-knisja parrokkjali tas-Sacro Cuor ta' Tas-Sliema, xogħol l-iskultur Senglean Ġlormu Darmanin

> B'hekk se sseħħ il-profezija li Dun Pawl Vella jikkwota mill-Ktieb tal-Kronaki dakinhar li waslet il-vara:
> *"Għażilt dan il-post, biex qalbi tibqa' fih għaż-żminijiet kollha"*

## L-ewwel ġebla

Oħroġ il-għaġeb, it-talba intgħoġbot u ġiet milqugħa. Kien propju fit-3 ta' Ġunju 1877, li tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida, il-jum li l-Knisja Kattolika kienet qed tfakkar il-ħamsin anniversarju tal-Ordinazzjoni Episkopali tal-Papa Piju IX.

Il-knisja tlestiet fl-1881 u propju fid-29 ta' Ġunju, mal-ftuħ u t-tberik tal-knisja l-ġdida waslet l-Istatwa tas-Sultana Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù, xogħol l-istatwarju Ġlormu Darmanin.

Il-wasla tal-istatwa, tant jiddeskriviha bi kliem mirqum il-Poeta Slimiż, il-Franġiskan Patri Marjanu Vella, fl-Oratorju Madonna tas-Sacro Cuor u mużika ta' Mro Joseph Vella:

***Dehra tal-Ġenna din il-vara tagħna ħolma tal-ifjen ħolm ta' rwieħ safjin; imbierek min għamilha f'waqt ta' mħabba Ġilormu Darmanin***

L-istatwa serqet il-qlub tas-Slimiżi. Kien pjan tas-sema li f'dawk iż-żminijiet il-Patrijiet Minuri kellhom lil Patri Tonin Cesal bħala Kustodju, u bil-kuraġġ kollu ħa t-tmexxija tal-knisja l-ġdida minn idejn Dun Pawl Vella.

## Parroċċa oħra

Meta l-popolazzjoni ta' Tas-Sliema laħqet aktar minn tlett elef, allura beda jinħass il-bżonn ta' parroċċa oħra. Kien propju fl-24 ta' Settembru 1918 li l-Arċisqof Dom Mauro Caruana ħareġ id-digriet li bih twaqqfet il-parroċċa. u ġie mxandar pubblikament fil-parroċċi kollha ta' Malta fid-29 ta' Settembru 1918.

Flimkien mal-Patrijiet Franġiskani, il-Fratellanza tas-Sultana Tagħna, imwaqqfa minn Dun Pawl Vella nnifsu, kompliet dejjem tħeġġeġ id-devozzjoni lejn is-Sultana Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù.

Maż-żmien il-Festa Liturġika bdiet tkun iċċelebrata fl-aħħar Sibt tax-xahar ta' Mejju u l-festa titulari fl-ewwel Ħadd ta' Lulju.

Ix-xewqa għall-inkurunazzjoni kienet hemm, imma l-providenza kellha l-pjani tagħha. Kellhom ikunu l-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna u l-Provinċjal Patri Richard Stanley Grech ofm, li f'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-parroċċa, jissiġillaw id-devozzjoni lejn is-Sultana Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù bir-rit solenni tal-Inkurunazzjoni.

B'hekk se sseħħ il-profezija li Dun Pawl Vella jikkwota mill-Ktieb tal-Kronaki dakinhar li waslet il-vara:

***"Għażilt dan il-post, biex qalbi tibqa' fih għaż-żminijiet kollha".***

Ara wkoll paġna 17



# Tifsira storika, teoloġika u liturġika tal-inkurunazzjoni

Il-qima tal-poplu Nisrani lejn ix-xbihat tal-Verġni Mqaddsa Marija, tiġi murija billi dawn ta' spiss jiġu mżejna b'kuruni regali.

Din id-drawwa, xterdet fost l-insara, kemm tal-Lvant kif ukoll tal-Punent minn żmien il-Konċilju ta' Efesu li pproklama lill-Verġni imbierka bħala Omm Alla, fis-sena 431.

Mal-medda tas-snin, kienu diversi il-pitturi li pinġew lill-Verġni Marija bilqiegħda fuq tron, imżejna bl-ilbies ta' sultana u mdawra b'għadd ta' Anġli, kif narawha mpittra f'ħafna kwadri fil-knejjes tagħna.

Fl-ikonografija nisranija, meta l-Mulej Ġesù ma jiġix impitter ċkejken f'dirgħajn il-Verġni Marija, jiġi spiss impinġi qiegħed ipoġġi hu nnifsu l-kuruna fuq ras ommu. Meta f'xi kwadru bħal dak inkurunat ta' Bormla, il-Madonna tidher weħidha, x'aktarx bl-Iben ta' Alla għadu qed jissawwar fil-ġuf tagħha, hu Alla l-Missier li narawh jqiegħed il-kuruna fuq rasha; imma f'xi pitturi naraw ukoll l-Anġli jinkurunaw lill-Marija, bħalma jidhru fil-kwadri tal-Madonna ta' Pinu u tal-Karmnu tal-Belt.

Iżda fil-Punent, id-drawwa li l-insara, kemm reliġjużi kif ukoll lajċi, jinkurunaw ix-xbihat tal-Madonna, bdiet tinxtered lejn l-aħħar tas-seklu sittax. Il-Papiet mhux biss ġabu 'l quddiem din is-sura ta' devozzjoni popolari Marjana, imma huma stess jew permezz ta' xi isqof delegat minnhom inkurunaw xbihat tal-Madonna magħrufin għad-devozzjonijiet tagħhom.


Patri Pawl Galea OFM, il-Gwardjan tal-Kunvent tal-Patrijiet ta' Ġieżu f'ta' Tas-Sliema, jipprova l-kuruna fuq ir-ras tal-Bambin Ġesù

Billi din id-drawwa bdiet tinxtered sewwa, tħejja rit għall-inkurunazzjoni tax-xbihat tal-Madonna li fis-seklu dsatax daħal fl-Liturġija Rumana. Dan ir-rit, li ġġedded wara l-Konċilju Vatikan II, normalment jitmexxa mill-Isqof djoċesan waqt il-Quddiesa jew l-Għasar, imma jista' jsir ukoll f'ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla.

Tajjeb ngħidu li l-vara titulari tal-Madonna tas-Sacro Cuor, meqjuma f'ta' Tas-Sliema sa mill-miġja tagħha fl-1881, dejjem kienet imżejna b'kuruni regali, imma qatt ma ġiet inkurunata solennement. Din se ssir f'għeluq il-100 sena tal-Parroċċa, għada d-29 ta' Settembru 2018, b'digriet ta' Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, li bih temm ix-xewqa ta' tant parruċċani u devoti li matul dawn is-snin tant stennew li jaraw dak li aħna se naraw dak inhar tal-inkurunazzjoni.

Bir-rit tal-inkurunazzjoni, il-Liturġija mqaddsa se tistqarr li l-Verġni Marija għandha titqies u tissejjaħ Sultana għaliex hi:

*Omm l-Iben ta' Alla u Sultan tas-saltna messjanika. Il-Verġni Marija hi Omm Kristu, il-Verb ta' Alla magħmul bniedem, bin David.*

*Is-sieħba tal-Feddej. Il-Verġni Marija hi l-Eva l-ġdida li kellha sehem uniku fl-opra tal-Fidwa li biha Kristu, Adam il-ġdid, fdiena bid-demm għażiż tiegħu.*

***Id-dixxiplu perfett ta' Kristu.*** *Il-Verġni Marija hi u tagħmel ir-rieda ta' Alla, imxiet 'il quddiem fit-triq tal-Fidi, hi u tisma' u żżomm f'qalbha l-Kelma ta' Alla, magħquda ma' Binha sa fuq is-salib.*

***Membru ewlieni tal-Knisja.*** *Il-Verġni Marija, minħabba l-uffiċċju singulari li kellha lejn il-Kristu u lejn il-membri tal-ġisem mistiku tiegħu li hu l-Knisja, hi l-ewwel waħda fost dawk li huma l-ġens maħtur, is-saċerdozju regali, in-nazzjon qaddis.*

## Kuruni tal-fidda Naplitana ta' nofs is-seklu dsatax


Il-kuruni li se jsebbħu ras il-Madonna tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u l-Bambin f'idejha li jsebbħu l-istatwa storika meqjuma fil-knisja parrokkjali tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema

Kif tħabbret li l-istatwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor se tkun inkurunata b'mod solenni, familja mill-parroċċa ħasbet biex tirregala l-kuruni ġodda.

B'xorti tajba, għalkemm din il-familja ssostni li kien intervent tal-Madonna, dehru żewġ kuruni f'irkant li dehru li huma tal-qies eżatt għall-Madonna u l-Bambin. Din il-familja pparteċipat fl-irkant u rnexxielha tixtrihom. Il-kuruni kien jeħtieġ li jiġu ppruvati u addattati fuq l-istatwa u ntalbet l-għajnuna tas-Sur Gaston Mifsud, li għal għexieren ta' snin ħa ħsieb il-vara titulari, u l-arġentier is-Sur John Bartolo li b'ħeġġa u devozzjoni liema bħalha ġew il-knisja u addattaw il-kuruni għal ras il-Madonna u l-Bambin.

Kien meħtieġ ħames provi u alterazzjonijiet żgħar fuq ġewwa tal-kuruni biex ikunu jistgħu jintrabtu sew u jkunu ċerti li joqogħdu tajjeb fuq il-figuri tal-Madonna u l-Bambin. Wara li ntemm dan il-proċess u kienu mnaddfa, is-Sur John Bartolo ħa ħsieb li jiġu bbanjati bid-deheb ta' 24 karat għand is-Seca Co Ltd.

Il-kuruni huma tal-fidda Naplitana ta' nofs is-seklu dsatax. Il-provenjenza tagħhom mhix magħrufa u fil-kuruna tal-Madonna hemm tnax-il stilla tal-fidda. Żgur però li kienu magħmulin oriġinarjament biex jitqiegħdu fuq ras Madonna u Bambin u nzertaw li l-qisien tagħhom huma ideali għall-istatwa titulari tal-Madonna tas-Sacro Cuor.

Sadattant hi l-parroċċa li qed tafda lill-Fraternità Franġiskana f'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-parroċċa dawn il-kuruni għall-inkurunazzjoni solenni li se ssir għada s-Sibt 29 ta' Settembru mill-Arċisqof Charles J. Scicluna u b'hekk il-parroċċa ssir is-Santwarju Marjan f'Tas-Sliema.